KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 44_22-04-09 V**

# MINUTI TA' L-ERBGĦA U ERBGĦIN SEDUTA

**l-erbgħa u erbgħin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 22 ta' April, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Skużati:** | **Albert Bonello Dupuis**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Nikki Dimech** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-17:30 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 43_25/03/2009**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Analiżi tat-tender – *EU Funding Services***
7. **Affarijiet oħra**

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 43_25/03/09.**

Il-kunsillier M. Briguglio talab li jkun hemm korrezzjoni f'punt 3.10 fit-tielet linja biex titneħħa l-frażi '*kien qal li hu*'. Korrezzjoni oħra f'punt 8 fit-tieni paragrafu, it-tieni linja


Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

tinqara '*hija kumpanija*' minflok '*huwa persuna*'. Is-sindku M. Arrigo ipproponiet li jiġu approvati l-minuti hekk kif emendati, il-kunsillier J. Galea issekonda. Il-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio u M. Debono approvaw il-minuti b'mod unanimu fost il-kunsilliera preżenti.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Il-kunsillier M. Brigulgio staqsa kif bqajna dwar it-*tower crane* li hemm fi Triq San Pawl. Is-segretarju eżekuttiv qal li hu informa lill-avukat tal-kunsill li kellu jikteb lil Polidano Bros.

2.2 Il-kunsillier J. Galea staqsa dwar ix-xogħlijiet li qegħdin jagħmlu Polidano Bros. Is-segretarju eżekuttiv qal li skond il-perit Bezzina l-patching li sar fi Triq il-Kulleġġ l-Antik x'aktarx se jkollu jerġa jnqala minħabba li mhuwiex ta' livell tajjeb u kif suppost.

2.3 Il-kunsillier M. Debono informa lill-kunsilliera preżenti li l-MEPA ħadu fondi mil-CPPS funds u xtraw bini li ġie riferut bħala *Hexagon House (Marsa)*. Qal ukoll li filfatt kien hemm mistoqsija parlamentari. Il-kunsill qabel li għandu jistaqsi lill-avukat sabiex inkunu nistgħu nibgħatu ittra lis-segretarju parlamentari Chris Said biex ikun jista jinvestiga dan il-każ.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti dwar il-delegazzjoni li ġejja minn Sables d'Olonne bejn l-1 u l-10 ta' Mejju, 2009. Is-segretarju eżekuttiv qassam kopja tal-programm *draft* lill-kunsilliera preżenti fejn spjega x'se jiġri matul din il-ġimgħa. Ippreżenta wkoll kopja ta' dokument bl-informazzjoni ta' erba' kwotazzjonijiet dwar *tour guides* għal din il-ġimgħa. Dawn kienu minn: Alpine Sterling, SMS Travel, Ms Christine Muscat u R. Arrigo and Sons. Il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, M. Briguglio, M. Debono u J. Galea qablu li l-aħjar kwotazzjoni hija ta' R. Arrigo and Sons. Is-Sindku M. Arrigo asstjeniet għaliex ma xtaqtiex li tiġi involuta f'din id-deċiżjoni minħabba konflitti ta' interess. Id-deċiżjoni għaddiet b'erba' voti favur u waħda astensjoni.

Is-segretarju eżekuttiv irrefera wkoll għall-ikla ta' filgħaxija tat-Tnejn l-4 ta' Mejju, 2009. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, M. Briguglio, M, Debono u J. Galea qablu kollha li jmorru *Dolce Vita* ta' San Ġiljan u l-ikla tkun bil-*partners* u *b'set menu*. Fir-rigward tar-*reception* li se ssir fit-8 ta' Mejju, 2009 il-kunsill qabel li l-*catering* ikun ta' *Simler* li hu minn Tas-Sliema stess. Il-kunsill ġie infurmat li dak in-nhar ukoll se jitqassmu xi rigali lid-delegazzjoni minn Sables d'Olonne.

3.2 Is-segretarju eżekuttiv irrefera wkoll għat-tliet membri l-oħra minn Sables d'Olonne wkoll li ġejjin għall-konferenza bejn it-12 u s-16 ta' Mejju, 2009. Il-kunsill ġie infurmat li fil-konferenza li se tiġi organizzata mil-MEUSAC, il-preżentazzjoni li kellha ssir min-naħa tagħna se tkun fuq Tas-Sliema mhux fuq il-kunsill u tqabbad servizz professjonali sabiex il-preżentazzjoni tkun tista tiġi wżata mil-kunsill. Il-kunsill qabel ukoll li fl-aħħar ġurnata, fil-15 ta' Mejju, 2009 jieħu lil dawn it-tliet membri f'restaurant 'Kampanella' Marsaxlokk. Din id-darba tkun bla partners u nipprovdulhom it-trasport.

3.3 Korrispondenza mil-MEPA dwar Villa Boniċi fi Triq il-Kurunell Savona. Il-kunsill għadu jżomm l-istess pożizzjoni li huwa kontra dan l-iżvilupp.

3.4 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-minuti tal-laqgħa li saret fl-1 ta' April, 2009 rigward l-analiżi tal-kummenti mil-pubbliku dwar suġġerimenti għal reviżjoni fil-pjanijiet lokali wara d-deċiżjoni li kienet ittieħdet fis-seduta 43_25/03/09, li ssir laqgħa biex il-kunsill ikun jista

janalizza punt punt tal-komunikazzjoni li kienet intbagħtet min-naħa tar-residenti sabiex jinħoloq dokument wieħed. Dawn l-istess minuti ntbagħtu għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha flimkien ma' l-agenda u l-minuti. Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, M. Briguglio, M. Debono u J. Galea qablu ma' dawn il-minuti u li jintbagħtu lil MEPA bħala r-risposta tal-kunsill dwar reviżjoni fil-pjanijiet lokali.

3.5 Il-kunsill ġie infurmat bil-korrispondenza, pjanta u DVD li ntbagħtu mill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni dwar proposti ġodda għat-trasport pubbliku.

*Daħal il-kunsillier L. Vella fis-6.20pm fis-seduta*

Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, M. Briguglio, M. Debono, J. Galea u L. Vella qablu li għandhom jntbagħtu dawn il-kummenti:

- Rotta numru 61 terġa tibda tagħti s-servizz mix-Xatt
- Rotta numru 63 terġa tibda tgħaddi minn Tigne u Qui si sana.
- Rotta numru 60 ma tieqafx quddiem Triq San Ġakbu u tibda għaddejja minn Triq Santa Marija għal Triq Manwel Dimech.
- Rotta numru 60 hemm bżonn li jiżdied il-ħin ta' wara nofs in-nhar għall-isptar Mater Dei.
- Importanti wkoll li jiżdiedu r-rotot ta' fil-għaxija u bil-lejl biex jitnaqqas it-traffiku.

3.6 Saret referenza għall-memo 24/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet. Fir-rigward l-aċċess għall-librerija pubblika is-segretarju eżekuttiv informa li din ġiet solvuta għaliex ikunu jistgħu jużaw ir-rampa ta' l-iskola. F'dan il-każ il-kunsill kull m'għandu jagħmel hu tabella li tindika li hemm dan l-aċċess. Ġie nnotat li l-latrina pubblika ta' Triq Bisazza mhiex aċċessibbli. Il-kunsill qabel li għandu jistaqsi lil Plaza Complex jistgħux jużaw il-latrina tagħhom almenu dawk il-persuni b'diżabilita.

3.7 Ġie innotat li x'aktarx fi Triq it-Torri fejn Joinwell se ssir xi tip ta' funtana oħra mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Il-kunsill ilmenta li din mhiex l-ewwel darba li l-kunsill isir jaf b'kumbinazzjoni li ħa jsir xi proġett f'Tas-Sliema minn l-istess Ministeru. Anke jsiru xi xogħlijiet fit-toroq u l-bankini min-naħa ta' dan il-Ministeru mingħajr ma jikkordina jew jinforma lill-kunsill imbagħad insiru nafu permezz ta' l-ilmenti tar-residenti. Filfatt is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill li kien kiteb lis-Sur Olivier Lautier. Il-kunsilliera qablu li kopja ta' din l-ittra għandha tintbagħat ukoll lill-onorevoli C. Said u jekk ma jkollnix risposta tintbagħat lill-Prim Ministru. Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv informa li hu kien kiteb ukoll lil dan l-istess ministeru dwar l-*istreet furniture* li trid terġa titpoġġa fi Triq it-Torri, wara li kienu inqalgħu minħabba l-paviment ġdid li sar fi Triq it-Torri.

3.8 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-minuti dwar il-laqgħa annwali li saret għar-residenti fl-20 ta' Marzu, 2009 li kienu ntbagħtu lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u l-minuti. Il-kunsilliera preżenti qablu ma dawn il-minuti.

3.9 Tressqet kwotazzjoni ppreżentata minn *Strand Electronics* għal tibdil tal-*photocopier* ta' l-uffiċċju. Il-kunsill qabel li din għandha tinbiddel meta din ma taħdimx aktar. Il-kunsillier M. Debono qal li meta niġu biex inbiddluha din tkun *energy efficient.*

3.10 Korrispondenza mil-MEPA fejn talbu l-kummenti tal-kunsill dwar l-applikazzjoni numru PA 06241/08 ta' *Exiles sports Club*. Ġew ippreżentati l-pjanti ta' dan il-proġett u l-kunsilliera preżenti qalu li jidher xi hemm tibdil mill-pjanti li raw mis-seduta l-oħra. Ġie innotat li żdied il-*floorspace* u l-*footprint* u b'hekk ħareġ iżjed il-barra għal fuq il-kosta. Il-kunsillier M.

Briguglio qal li l-bini propost huwa ħafna ikbar minn dak eżistenti u ma qabilx ma' dan it-tkabbir. Il-kunsilliera preżenti qalu li huma mhux kontra dan il-proġett imma raw li l-pjanti ġew mibdula. Il-kunsill iddeċieda li għandha tintbgħat oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

3.11 Il-kunsill qabel li għandu jinħoloq bord sabiex jiġu diskussi l-applikazzjonijiet tat-*tender EU Funding*. Il-bord li magħmul mis-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Briguglio, M. Debono u J. Galea se jiltaqgħu nhar il-Ħamis 30 ta' April, 2009 fl-10.15pm.

3.12 Saret laqgħa ma' l-ADT dwar il-proposta tas-Sur Joe Morana dwar it-traffiku minn Triq Rudolfu. L-ADT qalu li din il-proposta se tinvlovi lill-kunsilli ta' San Giljan u Gżira. Il-kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' dawn iż-żewġ kunsilli lokali bil-proposti tas-Sur Morana u tal-Perit Bjorn Bonello.

3.13 Talba mis-Socjeta ta' Stella Maris għall-għajnuna finanzjarja għall-kunċert mużikali li jsir fit-2 ta' Mejju, 2009. Il-kunsill qabel li joffri l-istess għajnuna bl-istess kundizjonijiet, bħas-snin ta' qabel kif joffri lill-każini ta' Tas-Sliema l-oħra.

3.14 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għar-riforma tal-kunsilli lokali. Fost affarijiet oħra ħareġ avviż legali 129 ta' 2009 li saret emmenda mil-A.L.119 tat-2002, fejn din tgħid li l-kunsill m'għandux jiġbor ħlas għal *boundary wall* jew materjal ieħor. B'referenza għal din il-kwistjoni s-Sindku qalet li l-avukat tal-kunsill ta' parir li l-krejns jiġu ċċarġjati Euro 2.33 għal kulħadd.

*Il-kunsillier M. Briguglio ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7pm*

Il-kunsillier M. Debono qal li meta jiskavaw iridu jżommu 76cm il-bod mil-*boundary wall*. Il-kunsill għandu jiċċekja ma' l-avukat dwar dan. Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, M. Azzopardi, M. Debono, J. Galea u L. Vella qablu li l-kunsill m'għandux jagħti iżjed permessi għall-i*scaffolding* u *boundary wall* u dawk li leħqu ħallsu minn qabel il-kunsill jagħti r-*refund* mid-data ta' dan l-avviż legali. Il-kunsilliera preżenti qablu wkoll li għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jsaqsi min se jġorr ir-responsabbilta' jekk jaqa xi ħajt jew ħaġa oħra. Fejn se jmur il-kuntrattur għall-permess? Il-kunsill għandu jara dawn ir-raġunijiet ma' l-avukat tiegħu u wara jibgħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-kunsill qabel ukoll li sadanittant il-kunsill ma joħroġx permessi għal dan sakemm tiġi ċċarata l-pożżizzjoni. Kien hemm qbil unanimu wkoll fost il-kunsilliera preżenti li permessi għat-*tower cranes* ma jingħatawx f'Tas-Sliema u l-garanziji bankarji nibqgħu nżommuhom.

3.15 B'referenza għal każ numru PA 5889/08 tal-MEPA rigward lokazzjoni f'numru 225 ta' Triq it-Torri, Sliema biex jiżdid sular, il-kunsill qabel li għandu jħalli dan il-każ f'idejn l-HAC (Heritage Advisory Committee).

3.16 Il-kunsill ma qabilx li għandha tingħata r-*reserved parking* fi Triq Stella Maris bir-riferenza 142.

3.17 L-Avukat Stefan Buontempo l-kelliem ewliena għal partit laburista għall-Gvern Lokali staqsa jekk il-kunsill għandux xi kummenti dwar ir-riforma tal-kunsilli lokali bis-suġġett 'biex il-kunsill jagħtik l-aqwa servizz.' Il-kunsill qabel li jekk ikollu xi kummenti għandu jibagħthom bl-email.

3.18 Fir-rigward tas-CCTV Cameras għall-ufficcji tal-kunsill, il-kunsill qabel li għandu jġib stima oħra bl-*infra red*. Il-kunsillier M. Debono għandu jagħtina n-numru.

3.19 Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li hemm bżonn isir xi ħaġa fi Triq Manwel Dimech ma' Santa Marija minħabba li qegħdin jinqalgħu ħafna inċidenti bil-karozzi. Il-kunsill qabel li għandna nagħmlu marka kbira fi-triq 'stop' fi Triq Santa Marija u tabella oħra 'slow' ftit qabel.

3.20 Rigward id-dawl fl-uffiċċju tal-kunsill lokali l-kunsill qabel li meta jibdew jinqatgħu l-bozoz inbiddluhom minn T12 għal T8. Il-bozoz jistgħu jinbiddlu wkoll għal 3000 *kelvin warm white*.

3.21 Għalkemm attivitajiet politiċi ma jaqgħux taħt il-kunsill, xorta ġie infurmat li nhar is-Sibt 9 ta' Mejju se jmur il-Prim Ministru fil-Ġnien Indipendenza.

3.22 Il-kunsill ġie infurmat li s-seduta tal-kunsill li jmiss se tkun nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju, 2009 biex jiġu approvati l-kotba finanzjarji tas-sena April 2008-Marzu 2009 qabel ma' jiġu awditjati.

3.23 Il-kunsill qabel li għandu jagħti s-somma ta' Euro 233 għall-librerija Margaret Mortimer skont il-ftehim li hemm sabiex inkunu nistgħu nżommu l-librerija tal-kunsill aġġornata.

3.24 Talba minn *St Clare College* għall-għajnuna finanzjarja għall-*sports day* li se ssir fit-28 ta' April, 2009. Il-kunsill qabel li jagħti s-somma ta' Euro 116.

3.25 Talba mis-Sur Jason Lauri (Remax and Friends) biex issir attivita' fil-*carpark* tax-Xatt fit-30 ta' Mejju, 2009. Il-kunsill qal li għandhom jistaqsu lill-Awtorita' Dwar it-Trasport.

3.26 Korrispondenza mis-Sur Clive May fejn talab għal kumpens minħabba li t-tifel iċċappas biż-żebgħa fil-*playground*. Il-kunsill qabel li għandu jirreferi dan il-każ lid-Dipartiment tax-xogħlijiet minħabba li huma kienu qegħdin jaħdmu u ma għamlux sinjali ta' *wet paint*. Fuq dan il-punt il-kunsill qabel ukoll li għandhom jiġu rranġati l-*locks* tal-*gates*.

3.27 Talba għal *spinning bike marathon* f'Għar id-Dud. Il-kunsill ma' sabx oġġezzjoni għal din l-attivita diment li l-mużika tkun sal-11pm.

3.28 Talba mis-Sur Nick Pace sabiex isir BBQ mil-kiosk ta' Fond Għadir kif ukoll *jazz night*. Matul ix-xhur tas-Sajf. Il-kunsill ma' qabilx li għandhom isiru BBQs. Il-kunsill qabel mal *jazz nights* bil-kundizzjoni li jkunu sal-11pm u kull darba jrid jkun hemm talba għal dan, f'każ li l-kunsill ikollu xi ilmenti. Għal kull attivita jridu jinfurmaw ukoll lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u l-pulizija.

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

4.1 Il-kunsilliera M. Aquilina ssuġġeriet li nirranġaw b'xi *planters* taħt il-loġġoġ ta' Triq Manwel Dimech biex jieħu dehra aħjar.

4.2 Il-kunsillier J. Galea qal li hemm ħafna biċċiet nieqsa mit-*tiling* tal-*playing fields*. Il-kunsill għandu jiċċekja l-garanzija minn fejn il-kunsill kien xtara r-rubber tiling ta' John G Cassar.

4.3 Il-kunsillier J. Galea irrefera għall-proġett tas-*Sliema Playing Fields* li kellna nagħmlu taħt it-Torri. Il-kunsill ġie mfakkar li biex nitolbu għal devoluzzjoni pubblika rridu nibgħatu

applikazzjoni bil-pjanta u stima. Is-segretarju eżekuttiv informa li lill-perit tal-kunsill diġa għaddielu kopja ta' pjanta *to scale* biex ikun jista jaħdem fuqha. Il-perit għandu jagħmel stima għal *membraine* u għal *rubber tiling* kif ukoll *fence* adattat. Il-kunsill qabel ukoll li qabel ma jsir il-*membraine* għandna nitolbu għall-aċċess biex il-perit jidħol ħa jara hemmx ħsara għax jekk hemm problema tkun ħaġa inuttli li jsir il-*membraine*. Il-kunsill irid jara l-stat ta' dan s-saqaf kemm huwa b'saħħtu u sigur.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

Kien hemm xi korrezzjonijiet kif ġej qabel ma ġew approvati l-pagamenti li:

- F'ċekk numru 10195 il-kunjom irid jiġi Fenech mhux Micallef
- F'ċekk numru 10039 l-ammont irid ikun Euro 10.16 mhux Euro 11
- F'ċekk numru 10209 l-ammont irid ikun ta' Euro 194.80 mhux Euro 194.85
- Minn ċekk numru 10228 is-sekwenza trid titkompla b'ċekk numru 10229 mhux 10029.

Il-kunsiller L. Vella ppropona l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10164 sa 10239. Il-kunsillier J. Galea ssekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina u M. Debono approvaw il-pagamenti emendati b'mod unanimu.

**6. Analiżi tat-*tender* – *EU Funding Services***

Dan is-suġġet ġie diskuss aktar kmieni f'din is-seduta stess f'punt 3.21.

**7. Affarijiet Oħra**

Ma kien hemm ebda affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fid-8.40pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju, 2009 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**